# Il-Kult Pawlin fil-Mellieħa

Kitba ta' Jimmy Muscat

Meta wieħed jidħol ftit fil-fond fl-istorja tal-Mellieħa, malajr jinduna li tul is-sekli din issawret madwar is-Santwarju tal-Madonna, Santwarju li fih hemm l-eqdem xbieha f'Malta tal-Madonna mpittra direttament fuq il-blat għeri. Tradizzjoni antika tgħidilna li din ix-xbieha kienet ġiet impittra mill-Appostlu San Luqa meta kien mal-Appostlu tal-Ġnus, San Pawl, meta huma ġew nawfragati hawn Malta fl-inħawi tal-Mellieħa.

Naturalment, minħabba l-preżenza ta' din ix-xbieha mpittra tal-Madonna, l-attenzjoni tal-ġnus ta' qabilna u tagħna wkoll għadha sal-lum tinxteħet aktar fuq San Luqa, l-awtur tagħha. Iżda jidher ukoll, għalkemm qatt ma ngħatat daqshekk importanza u attenzjoni, li l-kult Pawlin fil-Mellieħa ilu hemm u donnu, bħala sors sekondarju, dejjem f'dan il-kuntest tal-Mellieħa, jikkumplimenta l-figura ta' San Luqa.

Kif naraw fl-Atti tal-Appostli u fl-Ittri tiegħu stess, l-Apppostlu Pawlu kien bniedem prolifiku għall-aħħar, mimli enerġija biex iwassal l-aħbar it-tajba ta' Ġesù lil kulħadd u allura ma nistgħux ma nikkummentawx dwar il-preżenza tiegħu fl-inħawi fejn ġie nawfragat. Żgur li jekk San Luqa wasal biex penġa x-xbieha tal-Madonna f'dak il-għar, iktar żgur li San Pawl ra kif għamel u wassal xbieha ħajja ta' Ġesù fost l-ewwel nies li laqgħuh tant tajjeb meta kien fil-bżonn wara dik it-tempesta qawwija. U allura ma nistgħux ma nemmnux ukoll li San Pawl ma pprietkax u ma kkonvertiex dik il-komunità pagana li sab quddiemu. Kien għadu kif għamel il-miraklu tal-lifgħa quddiemhom u żgur li emmnu fih u fit-tagħlim ġdid li hu ppreżentalhom. Għalkemm fil-Mellieħa ma tiġix iċċelebrata xi festa kbira ddedikata lil dan il-qaddis, insibu li hu jgawdi preżenza u devozzjoni popolari ħafna taħt diversi forom f'dan ir-raħal.

Nibdew b'dak il-kwadru hekk kbir u sabiħ li l-artist Malti Giuseppe Calì penġa f'wieħed mill-artali prinċipali tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa fl-1898, kwadru li juri lil Pawlu bħala figura ċentrali u imponenti li tirrifletti kuraġġ, tama, fidi soda f'Alla u saħħa, fost dik il-ħerba, telqa, tifrik u qtigħ il-qalb li dik il-Gregalata qerrieda, u fl-istess ħin fejjieda, kienet ħolqot, kwadru li jolqot u jpaxxi l-għajn ta' kull min jidħol fil-Knisja Parrokkjali. Meta mbagħad wieħed iħares lejn dan il-kwadru, fuq ix-xellug tiegħu jara kwadru ieħor, din id-darba iżgħar, li wkoll juri x-xbieha ta' San Pawl meta dan iltaqa' mal-gvernatur tal-gżira, Publiju. Dan il-kwadru tpenġa mill-artist Malti Ġanni Vella fl-1932 u jkompli jsaħħaħ dik it-tradizzjoni-storika Pawlina f'Malta.

Jekk imbagħad nidħlu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, ma nistgħux ma nsibux xi riferenza għal dan il-qaddis. Bħala parti mill-artal maġġur, fejn hemm l-Ikona mirakoluża tal-Madonna, insibu żewġ statwi mdaqqsin





tal-irħam, waħda tirrappreżenta lil San Luqa u l-oħra lil San Pawl. Dawn kienu saru fl-1753, u waqt li dik ta' San Luqa kienet ġiet mogħtija mis-sorijiet Benedittini tal-Imdina, dik ta' San Pawl ġiet irregalata mill-Venerabbli Balliju u Kavallier Fra Ferdinandu Correa, membru ta' familja nobbli Portugiża.

Hawnhekk tajjeb insemmu wkoll, għalkemm punt żgħir, li wieħed mill-kwadri ExVoto ta' pittura li nsibu fis-sagristija tas-Santwarju fih impenġija l-figura ta' San Pawl flimkien ma' Santa Ġenoveffa. X'aktarx li min għamel u qala' l-wegħda kien devot ta' San Pawl. Il-kwadru, li juri maltempata fuq il-baħar qrib il-kosta ta' Sqallija, iġib id-data 1812 u huwa xogħol Vincenzo Gonzi.

Fuq in-naħa ta' barra tal-istess Santwarju, hekk kif wieħed jidħol fil-kjostru 'l ġewwa mill-Ark Trijonfali tal-1719, wieħed ma jistax ma jammirax l-istatwa kbira li tinsab f'niċċa biswit id-daħla tal-ġenb tas-Santwarju stess. Din in-niċċa ta' San Pawl saret madwar l-1719, meta nbniet dik il-parti tal-faċċata tas-Santwarju, u l-istatwa tiegħu x'aktarx tpoġġiet għall-ħabta tal-1736. Għal ħafna snin din l-istatwa kienet titbajjad bil-ġir, waqt li n-niċċa kienet inżebgħet kulur kannella. Iżda, meta ġiet restawrata fis-snin 80 tas-seklu l-ieħor, reġgħu dehru l-kuluri oriġinali tagħha mħallta biż-żejt tal-kittien. Illum jidhru wkoll diversi graffiti madwar din l-istatwa. Kienu eluf kbar dawk il-pellegrini li żaru s-Santwarju fl-1960 minħabba r-rabta tiegħu man-nawfraġju ta' San Pawl u din l-istatwa kienet tidher bħala dik il-ħolqa qawwija li torbot il-pellegrini flimkien, b'heġġa reliġjuża qawwija kif taħielna San Pawl stess.

Biex ikomplu jorbtu aktar ma' dan il-kult Pawlin,



missirijietna għarfu jsemmu triq fil-Mellieħa għal dan il-qaddis Pawlu u din tiżbokka eżattament quddiem il-Knisja Parrokkjali, lok verament xieraq u sewwa. Meta madwar l-1850 tfasslu t-toroq tal-Mellieħa taħt forma ta' gradilja, din it-triq kienet tissejjaħ 'Strada Decima', għax kien hemm għaxar toroq bla isem, iżda mbagħad fl-1930 bdiet tissejjaħ Strada San Paolo u aktar tard Triq San Pawl.

Torbot ukoll ma' dak li għandu x'jaqsam ma' toroq, insibu wkoll niċċa, maqtugħa, jew aħjar mibnija, fil-ħajt ta' dar privata, iddedikata lil San Pawl. Din tinsab fi Triq Nofsinhar, fin-naħa ta' fuq tal-Mellieħa u tħares dritt lejn is-Santwarju u l-Knisja Parrokkjali. Dawn in-niċeċ, barra d-devozzjoni u l-indulġenzi marbuta magħhom, kienu joħolqu sors ta' wens billejl permezz tal-ftejjel jixegħlu biż-żejt tagħhom.

Taħt ir-riħ tas-Santwarju, mit-triq il-prinċipali li tieħu lejn il-Marfa, għadna naraw eżempju ċar ħafna ta' post trogloditiku, jiġifieri għar naturali li mbagħad ġie magħluq b'ħajt quddiemu u hekk ifforma dar ġo għar u għalhekk bir-raġun li dan il-lok jissejjaħ 'Għar u Casa'. Madwar l-1850 f'din id-dar kienet tgħix il-familja Tramblett, fosthom ir-Reverendu Giuseppe Tramblett u ħutu bniet. Interessanti ferm, biex jorbot mas-suġġett tagħna, insibu li, f'parti prominenti li tħares għal fuq dan il-għar-dar, hemm statwa mdaqqsa ta' San Pawl tiddomina din l-abitazzjoni.

Mhux ċar meta u min għamel din l-istatwa, għalkemm x'aktarx saret mill-familja Tramblett, iżda żgur tpoġġiet hemm b'devozzjoni u għall-qima tal-poplu. Din tinsab viċin ferm u qiegħda tħares dirett lejn is-Santwarju u allura toħloq aktar konnessjoni ma' dak li semmejna fil-bidu. Trid u ma tridx, int u nieżel lejn l-Għadira, tilmaħ din l-istatwa u tħossok li għandek tgħid talba lil dan il-kbir Appostlu. Jista' jagħti l-każ ukoll li kien hemm xi rabta antika bejn dan il-għar u l-miġja ta' San Pawl f'Malta. Min jaf? Mal-madwar ta' din id-dar u fl-għelieqi ta' taħtha u tal-inħawi għadek issib ħafna bċejjeċ ta' fuħħar ta' żmien ir-Rumani.

Inħallu għal ftit ir-Rumani u niġu għal żmienna. Il-preżenza ta' dawn il-figuri u xbihat ta' dan l-Appostlu fir-raħal tal-Mellieħa u dawk imxerrda ma' Malta kollha, wara kważi elfejn sena ta' fidi ħajja, żgur jagħmlulna kuraġġ u jimlewna b'tama qawwija. Għad baqa' ħafna u ħafna tajjeb fostna l-Maltin, u żgur li mhux l-inqas fosthom hija l-qalb tajba u l-fidi. Il-familji, fil-maġġoranza tagħhom, għadhom sħaħ u tajbin kif kienu meta laqgħu lil San Pawl.

Inħarsu lejn dawn, ngħiru għalihom b'sens tajjeb u nimitawhom għax b'hekk biss nistgħu nżommu sħiħ fil-Gregalata qawwija li ta' kuljum inħabbtu wiċċna magħha. San Pawl ħeġġeġ lil sħabu biex jiġġildulha l-maltempata u żgur li kieku qiegħed hawn illum l-istess jagħmel, biex ma jaraniex nintilfu u nintelqu mal-kurrent ta' ideat foloz u qarrieqa li jistgħu jkissrulna l-paċi ta' ħajjitna u l-ġifen ta' ruħna.